MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 20/2007

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Gadalla Rezk Khalel (ID 20518A)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tmin centezmi (Lm2175.08) rapprezentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku 21255106 (Cn1061591, AC10066213) skond kif jirrizulta mid-dok A anness mal-avviz u kopja ta' ftehim anness mal-avviz u markat Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota tal-istess socjeta attrici a fol 15 tal-atti u li biha irriduciet it-talba attrici ghal dik ta' Lm1924.68.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Frar 2007 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1924.68 bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Jannar 2007 u bl-ispejjez inklusi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------